

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Settembru 2007

**dwar l-iffirmar fisem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali  
dwar l-Injam Tropikali, 2006**

(2007/648/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

(6) L-Istati Membri kollha esprimew l-intenzjoni tagħhom li jiffirmaw, u li jikkontribwixxu kif adatt lejn l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' l-2006.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 133 u 175, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

(7) Billi l-kontribuzzjonijiet obligatorji mill-membri konsumaturi ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Injam Tropikali (ITTO) huma stmati primarjament f'termini tal-volum ta' l-injam tropikali li dawn jimpurtaw, il-Komunità Ewropea ser tikkontribwixxi għall-Kont Amministrattiv ta' l-ITTO, ladarba l-Ftehim ta' l-2006 jidħol fis-seħħ, waqt li l-Istati Membri, kif ukoll il-Komunità Ewropea, ser ikunu jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji għall-azzjonijiet ipplanati permezz tal-kontijiet tal-kontribuzzjonijiet volontarji ta' l-ITTO,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Jannar 2006 l-konferenza tan-negozjar stabbilita taħt il-patroċinju tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) approvat it-test tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006 ("il-Ftehim ta' l-2006").

(8) Il-Ftehim ta' l-2006 għandu jkun iffirmit u applikat proviżorjament, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

(2) Il-Ftehim ta' l-2006 għe nnegozjat biex jissostitwixxi l-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 1994, kif estiż, li ser jibqa' fis-seħħ sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' l-2006.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

(3) Il-Ftehim ta' l-2006 hu miftuħ għall-iffirmar u d-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mit-3 ta' April 2006 u ser jibqa' hekk sa xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ finali tiegħu.

L-iffirmar tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006 ("il-Ftehim ta' l-2006") huwa b' dan approvat fisem il-Komunità Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

(4) L-għanijiet tal-Ftehim ta' l-2006 huma konsistenti kemm mal-politika kummerċjali komuni kif ukoll mal-politika ambjentali.

It-test tal-Ftehim ta' l-2006 huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

(5) Il-Komunità Ewropea kienet parti mill-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 1994. Ftehim ta' l-2006 ser ikompli jipromwovi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk huwa fl-interess tagħha li tapprova l-Ftehim ta' l-2006.

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' l-2006 u li jiddepożitaw id-dikjarazzjoni ta' kompetenza mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, fisem il-Komunità, mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skond l-Artikoli 36(1) u 36(3) tal-Ftehim ta' l-2006.

*Artikolu 3*

Soġġett għar-reċiproċità il-Ftehim ta' l-2006 għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm ma jiġu konklużi l-proċeduri għall-konklużjoni formali tiegħu <sup>(1)</sup>.

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika, fisem il-Komunità, lid-depożitarju li l-Komunità ser tapplika l-Ftehim ta' l-2006 proviżorjament meta huwa jidħol fis-seħħ.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. SILVA

---

<sup>(1)</sup> Id-data ta' l-applikazzjoni provviżorja ser tkun publikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-segretarjat ġenerali tal-Kunsill.